MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 209/2004

**Atlas Insurance Limited nomine gia Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Jason Paul Vella u l-istess Jason Paul Vella f'ismu proprju**

**vs**

**Vincent Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' April tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma komplessiva ta' erbat elef, seba' mija u tmenin Lira Maltin, (LM4,780.00,0), jew somma verjuri, danni mhallsa mis-socjeta' attrici nomine,

fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JVP – 156 assikurata "comprehensive", hlief mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), "excess", u ghal liema somma s-socjeta' attrici nomine giet surrogata fid-drittijiet ta' Jason Paul Vella u dan billi fit-13 ta' Dicembru tas-sena 2002 gewwa l-Gzira, Malta, waqt li l-konvenut kien qieghed il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABI – 948 habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JPV – 156 proprjeta' ta' Jason Paul Vella u misjuqa minnu, u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata s-6 ta' Marzu tas-sena 2003 u ta' l-ittra ufficcjali datata l-24 ta' Marzu tas-sena 2003 u bl-imghax tat-tmienja fil-mija, (8%), fuq erbat elef, seba' mija u tmenin Lira Maltin, (LM4,780.00,0), mill-24 ta' Marzu tas-sena 2003 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez, ta' l-ittra ufficcjali tal-lum rikjesta mil-ligi kontra Montaldo Insurnace Agency Limited assiguraturi tal-konvenut u nkluz hmistax –il Lira, (LM15.00,0), konsult, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti;

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JPV – 156 proprjeta' ta' l-attur Jason Paul Vella, ossija l-istess Jason Paul Vella li habat gol-vettura tal-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni ABI – 948 b'kawza ta' imperizja, negligenza , traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri;

3. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat it-talba tas-socjeta' Atlas Insurance Limited datata l-20 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha talbet li tassumi l-atti ta' din il-procedura minn flok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited u originarjament intavolata ;

Rat id-digriet taghha datat l-21 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz tieghu laqghet l-imsemmija talba;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi ghall-habta ta' l-ghaxra u kwart ta' filghodu tat-13 ta' Dicembru tas-sena 2002 sehh incident awtomobilistiku f'Rue D'Argens, Gzira, Malta kantuniera ma' Triq Sir William Reed;

2. Illi l-vetturi involuti fl-incident de quo kienu dik tal-marka Fiat Punta bin-numru ta' registrazzjoni ABI – 948 misjuqa minn Vincent Farrugia u dik ta' l-marka Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni JPV – 156 misjuqa minn Jason Paul Vella;

3. Illi l-konvenut Farrugia jsostni li hu kien qed isuq fi Triq Sir William Reed, hiereg ghal go Rue D'Argens;

4. Illi qabel ma' ghamel il-manuvra li johrog ghal go triq principali huwa waqaf, kien hemm xufier ta' karozza tal-linja li ghamillu s-sinjal biex johrog u malli hareg u qabez l-ewwel karreggjata ta' Rue D'Argens, dahhlet fuqu l-vettura l-ohra involuta fl-incident de quo;

5. Illi l-attur Vella jsostni li hu kien qed isuq f'Rue D'Argens miexi fid-direzzjoni tal-"car wash";

6. Illi l-attur isostni li ma kienx hemm vetturi ohra fit-triq u kien qed isuq b'velocita ta' madwar hamsa u tletin kilometru fis-siegha, (35 km/h);

7. Illi appena wasal fil-kantuniera ma' Triq Reed fuq imsemmija, harget il-vettura misjuqa mill-konvenut u sehh l-incident;

8. Illi d-danni sofferti mill-attur Vella gew debitament ipprovati;

9. Illi s-socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghall-ispejjez inkorsi mill-attur u giet debitament surrogata skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li utent ta' triq principali li qed isuq bil-galbu dovut, m'ghandux ikun disturbat minn vettura li tippenetra b'velocita' fil-karreggjata tieghu, b'perikolu kemm ghall-utenti tat-triq principali kif ukoll ghaliha;

Illi jirrizulta assodat li l-konvenut hu debitament responsabbli ghall-akkadut stante li ma jirrizultax li ezercita xi kawtela qabel ma azzarda jippenetra fi triq principali minn dik sekondarja;

Illi l-attentat tieghu li jitfa' responsabbilita' fuq persuna ohra li allegatament indikatlu li seta' johrog ghat-triq principali ma treggix stante li hu jibqa' unikament responsabbli ghall-azzjonijiet u ghad-decizjonijiet tieghu;

Ghaldaqstant, din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Vincent Farrugia hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina fuq sintetikament delineat;

2. Tillikwida d-danni komplessivi sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ erbat elef, seba’ mija u tmenin Lira Maltin, (LM4,780.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Vincent Farrugia biex ihallas lis-socjeta’ attrici nomine Atlas Insurance Limited l-ammont ta’ erbat elef u sitt mitt Lira Maltin, (LM4,600.00,0), u lill-attur Jason Paul Vella l-ammont ta’ mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mill-24 ta’ Marzu tas-sena 2003.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------